MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 48/1991/1

Maria mart Frangisk Buttigieg u l-istess Frangisk Buttigieg bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu; u b'degriet talk-21 ta' Novembru, 1997 il-gudizzju gie trasfuz f'isem ulied Maria Buttigieg, Mario, Loreto, Antoinette mart Mario Said, Margaret mart Emanuel Saliba, Michaqel, Frans, Guzi, Lawrence u Carmelo sive Charlie ahwa Buttigieg, minflok Maria Buttigieg stante li mietet fil-mori tal-kawza (a fol 107), u b'degriet tal-15 ta' Jannar 2002, il-gudizzju gie trasfuz ukoll f'isem l-istess Ulied, stante l-mewt ta' Frangisk Buttigieg (a fol 129) .

vs

George Galea,
Reverendu Dun Tarcisio Attard, bhala mandatarju, u in rapprezentanza tal-imsiefra Josephine mart Ganni Rapa .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech tad-29 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disghin, il-konvenut Dun Tarcisio Attard ghan-nom u in rapprazentana tal-imsiefra Giuseppa sive Josephine mart Ganni Rapa, biegh u ttrasferixxa a favur tal-konvenut l-iehor, George Galea, il-kwota ereditarja spettanti lill-imsemmija Giuseppa sive Josephine Rapa u cioe' l-kwart ( ¼ ) indiviz mill-wirt u successjoni tal-genituri taghha Francis Haber u Rosa Haber fuq l-immobbli li gejjin u cioe',

(1) il-bicca raba msejha "ta' Cumbu" fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex tal-kejl superficjali ta' ċirka elf u tmienja u tmenin metru kwadru (1088m$^2$) u konfinanti mill-grigal ma' beni ta' Anglu Muscat, xlokk ma' beni ta' Francis Xuereb u lbic ma' beni ta' Tarcisio Attard ;

(2) bicca raba msejha "ta' Brieghen" ukoll fil-limiti ta' Ghajnsielem Ghawdex tal-kejl superficjali ta' cirka erbat elef u sitt mitt metru kwadru (4600m$^2$), u konfinanti mill-Lvant ma' beni ta' Francis Zammit Haber, nofsinhar ma' beni tal-gvern u tramuntana ma entrata ;

(3) bicca raba msejha "ta' Cordina" limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mitejn u erbgha u ghoxrin metru kwadru (224m$^2$), jew kejl verjuri, bil-kejl kollu li fiha u konfinanti mill-punent ma' beni ta' Anton Xuereb, tramuntana ma' beni ta' Dun Gwann Gauci u ohrajn, u lvant ma' beni ta' George Galea .

Illi l-kwota ereditarja hekk trasferita kienet posseduta mill-imsemmija Josephine sive Giuseppa Rapa, l-attrici, Carmela mart Anthony Grech u Mikelina Haber indivizament bejniethom u bhala komproprjetarji fil-wirt tal-genituri taghhom, b'tali mod li jekk xi wiehed mill-kiomproprjetarji jittrasferixxu l-kwota tieghu l-komproprjetarji l-ohrajn ghandhom dritt jeskluduh mid-divizjoni ta' bejniethom .

Illi l-attrici permezz ta' ċedola ta' depozitu u rkupru numru 312/90 (tlett mija u tnax ta' l-elf disa' mija u disghin)

pprezentata quddiem dina l-Qorti fis-sbatax (17) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u disghin (1990) ezercitat id-dritt moghti lilha in forza tal-artikolu disa' mija u tnax (912) tal-Kodici Civili li teskludi lill-konvenut George Galea mill-qasma tal-wirt tal-konjugi Francis u Rosa Haber, billi ddepozitat il-prezz tat-trasferiment ossia cessjoni, l-imghax fuq il-prezz minn dak inhar li l-istess prezz gie mhallas, u l-ispejjez inkorsi fl-istess cessjoni, u cioe' s-somma ta' elf sitt mija u sitt liri maltin u tlietin centezmu (Lm1606.30,0) sabiex dik is-somma tigi rilaxxjata lill-imsemmi George Galea, wara li dan jillibera l-kwota ereditarja minnu akkwistata skond il-kuntratt fuq imsemmi .

Li ghalkemm gie interpellat permezz ta' kontestwali ittra ufficjali sabiex l-istess konvenut George Galea, jillibera a favur tal-attrici l-kwota ereditarja msemmija dan baqa' inadempjenti .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tordna l-liberazzjoni tal-kwota ereditarja tal-fondi fuq imsemmija a favur tal-atturi fil-kwalita' taghhom premessa .

Bl-ispejjez dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Awissu 1990, kollha kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa mharrka ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament mahlufa mill-attur Francis Buttigieg .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. Illi preliminarjament dan il-gudizzju mhux integru billi f'din il-kawza kellhom jigu citati wkoll il-komproprjetarji l-ohra ;

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, ma jissusistux l-elementi rikjesti mill-Ligi ghall-ezercizzju tal-

irkupju pretiz mill-atturi u dan peress illi bil-kuntratt imsemmi, il-konvenuti ma ttrasferewxd il-kwota ereditarja kollha mill-wirtujiet imsemmija izda semplicement sehem l-imsemmija Josephine Rapa minn oggetti partikolari komprizi fil-wirt, liema kuntratt huwa ta' xghira kompletament diversa minn kuntratt ta' assenjazzjoni ta' kwota ereditarja shiha .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa minn George Galea .

Rat il-verbal taghha tat-3 ta' Frar 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-liberazzjoni a favur taghhom tal-kwota ereditarja minn diversi fondi li l-konvenut Dun Tarcisio Attard, il-mandanti ta' Josephine Rapa bhala ko-eredi ta' Francis u Rosa Haber, kien ittrasferixxa lill-konvenut l-iehor George Galea . Din it-talba kienu qed jaghmluha in segwitu ghal cedola ta' depositu u rkupru pprezentata f'din il-Qorti biex jeskludu lill-istess konvenut mill-qasma tal-wirt imsemmi a tenur ta' l-artikolu 912 tal-Kodici Civili . Il-konvenuti qed jopponu din it-talba ghal diversi motivi kollha ta' natura legali, u cioe' illi :

(i) l-assenjazzjoni li saret bejn il-konvenuti ma hix tax-xorta li ghaliha japplika l-artikolu 912 imsemmi;

(ii) l-istess artikolu japplika biss dwar trasferiment ta' kwoti ereditarji meta l-eredita' tkun ghada fl-istat li fih kienet meta nfethet is-successjoni u

(iii) anki kieku kellhom xi jedd l-atturi, dan tilfuh meta agixxew proprju kontra dak li qed jitolbu f'din il-kawza fis-sens illi minflok ma eskludew lill-konvenut Galea mill-komunjoni, proprju accettawh meta interpellawh sabiex jaddivjeni ghall-qasma, dahlu f'diskussjonijiet mieghu dwar il-qasma u ma waslux fi ftehim minhabba ragunijiet kompletament diversi mill-mertu ta' din il-kawza . Kien hemm eccezzjoni preliminari ohra rigward in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju . Pero' ma jidhirx illi din l-eccezzjoni giet sostnuta u lanqas ingiebu ebda provi dwarha . Ghalhekk l-istess eccezzjoni qed tigi minnufih respinta .

Mil-atti processwali jirrizulta illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti :

Fl-14 ta' Jannar 1980 u fit-23 ta' Novembru 1977 mietu rispettivament Francis Haber u martu Rosa nee' Cefai . L-eredita' taghhom ghaddiet a favur ta' uliedhom : Kelinu, l-attrici Maria mart Francis Buttigieg, Giuseppa mart Ganni Rapa u Carmela mart Toni Grech[1] .

B'kuntratt tas-27 ta' Jannar1989 in atti Nutar Dr. Joseph Spiteri, l-istess eredi bieghu u ttrasferew lil terzi xi beni provenjenti minn dawn l-ereditajiet u cioe' bictejn art mifruda b'passagg komuni maghrufa bhala "tal-Hotba" fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, wahda bil-kejl ta' circa 3976 metri kwadri u l-ohra bil-kejl ta' circa 3700 metri kwadri[2] .

B'kuntratt iehor tad-29 ta' Mejju 1990 fl-atti tan-Nutar Dr. Enzo Dimech il-konvenut Dun Tarcisio Attard li kien qed jidher ghan-nom ta' Giuseppa Rapa, wahda mill-werrieta tal-konjugi Francis u Rosa Haber, assenja lill-konvenut l-iehor George Galea, l-kwota ereditarja spettanti lill-mandanti tieghu, li tammonta ghal kwart (1/4) indiviz mill-wirtijiet tal-konjugi Haber, fuq tlett porzjonijiet art hemm deskritti u cioe' : porzjon art maghrufa bhala ta' Cumbu, limiti ta' Ghajnsielem, tkejjel circa 1088 metri kwadri; prozjon art ohra maghrufa "ta' Brieghen sive ta' l-Ispiera,

[1] Ara kopji tad-denunzji tas-successjoni ta' Francis Haber u Rosa Haber: Dokti C u D a fol. 24 - 39 tal-process .
[2] Dok. GC a fol. 94 - 97 tal-process .

limiti ta' Ghajnsielem, tkejjel circa 4600 metri kwadri; u porzjon art ohra maghrufa bhala ta' Cordina f'Ghajnsielem ukoll bil-kejl ta' circa 224 metri kwadri . Dawn huma l-istess artijiet deskritti fic-citazzjoni[3] .

L-attrici Maria Buttigieg permezz ta' cedola ta' depozitu u rkupru numru 312/90 pprezentata quddiem din il-Qorti fis-17 ta' Awissu 1990 ittentat tezercita d-dritt moghti lill-ko-eredi in forza ta' l-artikolu 912 tal-Kodici Civili biex jigi eskluz it-terz akkwirent, f'dan il-kaz il-konvenut George Galea, mill-qasma tal-wirt tal-genituri taghha, u dan billi ddepozitat il-prezz tat-trasferiment, l-imghax fuq il-prezz minn dakinhar li l-istess prezz gie mhallas u l-ispejjez relattivi, u dana sabiex is-somma hekk depozitata tigi rilaxxjata lill-istess George Galea wara li dan jillibera l-kwota ereditarja minnu akkwistata skond il-kuntratt fuq imsemmi . Ma gietx ipprezentata ebda kopja ta' din ic-cedola, pero' jidher illi m'hemmx kontestazzjoni dwar dan . Minkejja l-interpellazzjoni li saret kontestwalment lill-istess George Galea sabiex jirrilaxxja l-beni li kien akkwista a favur tad-depozitant, dan baqa' inadempjenti u ghalhekk saret il-kawza .

B'kuntratt tal-15 ta' Ottubru 1990 fl-atti tan-Nutar Dr. Ino Mario Grech, Michael Haber assenja lil ohtu l-attrici Maria Buttigieg, is-sehem lilu spettanti mir-raba maghruf ta' Brieghen sive ta' l-Ispiera limiti ta' f'Ghajnsielem . Kif konfermat mill-kontenut ta' l-istess kuntratt, din hija wahda mill-proprjetajiet formanti parti mill-ereditajiet mertu ta' din il-kawza[4] .

Fil-mori tal-kawza, b'kuntratt tal-5 ta' Gunju 1991 fl-atti tan-Nutar Dr. Ino Mario Grech ukoll, l-attrici Maria Buttigieg bhala prokuratrici ta' huha Michael Haber, bieghet lil binha Lawrence Buttigieg, "il-kwart indiviz jew ahjar id-drittijiet kollha li l-venditur ghandu ir-raba msejjah ta' Cumbu limiti ta' Ghajsnielem, tal-kejl ta' xi 1123 m.k." Kif konfermat mill-kontenut ta' l-istess kuntratt, din hija

---

[3] Dok. B a fol. 20 - 22 tal-process .
[4] Dok. GG 1 a fol. 98 – 99 .

wahda mill-proprjetajiet formanti parti mill-ereditajiet mertu tal-kawza prezenti[5] .

Fil-21 ta' Mejju 1999, skond verbal maghmul fl-atti ta' din il-kawza, il-partijiet qablu li :

"l-kawza tigi tranzatta billi ssir divizjoni tal-beni in komun bejn il-kontendenti a bazi ta' pjan ta' qasma li ghandu jithejja mill-perit Emanuel Vella li l-partijiet qed jinnominaw privatament bejniethom ghal dan l-iskop." [6]

Madankollu fil-11 ta' Jannar 2000 l-atturi pprezentaw rikors fl-atti ta' din il-kawza, fejn filwaqt li ghamlu referenza ghal dan il-verbal, sostnew li minkejja diversi tentattivi, l-konvenut wera li mhux dispost jittransigi maghhom . Ghalhekk talbu li din il-kawza titkompla u tigi deciza finalment [7] .

L-hekk imsejjah **irkupru successorju** huwa regolat fil-ligi taghna bl-artikolu 912 tal-Kodici Civili . Kif gie spjegat tant tajjeb mill-Qorti ta' l-Appell : "*Din id-dispozizzjoni, skond in-notamenti ta' Sir Adriano Dingli, giet mehuda mill-art. 1064 tal-Kodici tas-Sardegna, mill-art. 975 tal-Kodici ta' Parma, Piacenza u Guastalla u mill-art. 841 tal-Kodici Franciz …. . Il-fondament tad-dispozizzjoni huwa … l-eskluzjoni ta' l-estranji, biex ma jindahlux f'haga privata tal-familja, u ma jinkurjozawx fis-sigrieti tal-familja …..*"[8] Fil-kummenti tieghu dwar l-art. 841 tal-Kodici Franciz il-**Baudry-Lacantinerie** jispjega illi : "*Affinche possa esercitare il retratto succesorio occorrono cinque condizioni, le quali riguardano : la quota e la natura dei diritti ereditari ceduti, il carattere oneroso della cessione, la persona che la compie, la persona a cui viene fatta, l'epoca, la validita' e le clausole della cessione stessa*." [9] Fil-kaz in ezami m'hemm l-ebda dubbju dwar il-karattru oneruz tac-cessjoni, infatti din saret permezz ta' bejgh

[5] Dok. GG. 2 a fol. 100 – 102 .
[6] ara verbal relattiv a fol. 112 .
[7] ara rikors relattiv a fol. 113 .
[8] Marianna Debono vs Avv. Dr. Antonio Caruana et noe.; 23.2.194 kollez. vol. XXX. I.481 .
[9] Delle Successioni: vol. III. Sez. IV. para. 2585 pag. 139 .

ghall-prezz stabilit ta' Lm1500.[10] Lanqas hemm ebda diffikulta' dwar il-karattru tal-venditur jew ix-xerrej . Ta' l-ewwel kien ko-eredi u x-xerrej kien estraneju ghal kollox ghall-wirt in kwistjoni . Pero' dwar il-kondizzjonijiet l-ohra jista' jkun hemm xi diffikultajiet u nfatti l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma bbazati fuqhom .

Bit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti jikkontendu illi l-assenjazzjoni li saret bejn il-konvenuti mhix tax-xorta li ghaliha japplika l-artikolu 912 tal-Kap. 16 . Dwar din l-ewwel kundizzjoni tan-natura tad-drittijiet ereditarji ceduti l-istess awtur jghid :

"*A termini dell'art. 841 occorre si tratti di cessione di diritti successori : la legge parla di un 'coerede che ha ceduto il suo diritto alla succesione.' Ma poco importa che la successione dei diritti sucessori abbia per oggetto la totalita', o una quota-parte soltanto dei diritti ereditari . Poco importa altresi che la successione sia mobiliare o immobiliare . Ma la cessione che uno dei coeredi faccia del suo diritto indiviso, sopra uno u piu' oggetti determinati della successione, non da' luogo all'esercizio del retratto perche non ha per oggetto dei diritti successori . Poco rileva dunque che il cessionario di tali oggetti particolari possa, in applicazione dell'art. 882, intervenire alla divisione; del resto questo intervento, che concerne solo la ripartizione e le operazioni che la precedono, non e' quell'intervento che l'art. 841 ha voluto evitare.*"[11]

Il-**Laurant**, filwaqt illi jammetti illi din hija materja difficli, jeskludi b'mod l-aktar kategoriku d-dritt ta' l-irkupru successorju f'kaz ta' cessjoni ta' kwota minn beni partikolari biss . "*Il retratto puo' essere esercitato quando la cessione cade sopra uno o piu' oggetti determinati dell'eredita'? E' una delle quistioni le piu' controverse di questa difficile materia . Noi non esitiamo a deciderla negativamente . Il testo e' formale : perche' si faccia luogo al retratto occorre che il coerede abbia ceduto il suo diritto alla successione . Forse che la cessione che un erede fa del suo diritto nel tale immobile e' la cessione del*

[10] ara kuntrqtt relattiv a fol.21
[11] ibid. para. 2586 pag. 139 – 140 .

*suo diritto alla successione ? No, certo . Dunque essa non rientra nei termini dell'art. 841 ; ora,* ***questa disposizione e' un eccezione al diritto comune e, a questo titolo, di stretta interpretazione; non e' permesso estenderla*** *. Dal momento che non ci troviamo nei termini della legge, non v'ha luogo al retratto …*"[12]

Fil-kuntratt tad-29 ta' Mejju 1990, il-konvenut Dun Tarcisio Attard nomine ttrasferixxa lill-konvenut l-iehor Galea : "*l-kwota ereditarja lilhu asenjanti nomine spettanti u li tammonta ghal kwart (1/4) indiviz mill-wirt tal-genituri ta' Giuseppa sive Josephine Haber u cioe' Francis Haber …. u Rosa Haber …..,* ***fir-rigward tal-immobbli li gejjin*** …..", u ghalhekk ma' kienx hemm bejgh ta' kwota indiviza mill-eredita' shiha, imma mill-beni msemmija biss .

L-atturi jsostnu illi l-irkupru successorju japplika anke jekk jinbiegh biss sehem indiviz f'immobbli partikolari kif ghandna fil-kaz in ezami u nfatti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom jiccitaw sentenzi tal-Qorti tal-Cassazione taljana favur din it-tesi taghhom . Imma ma jistax ma jigix innonat illi l-ligi taljana f'dan ir-rigward hija kemm xejn differenti mill-ligi taghna . Infatti m'ghandhomx irkupru successorju proprju imma l-hekk imsejjah *diritto di prelazione*[13] *.* Interessanti dak li nsibu fid-**Digesto Italiano** fuq dan is-suggett : "*Secondo il nostro codice alla divisione possono intervenire non solo i creditori, ma anche i cessionari delle ragioni successorie di un coerede; non esiste fra noi il retratto successorio vigente nel codici civile francese (art. 841), per cui gli eredi possono escludere dalla divisione il cessionario a titolo oneroso di uno dei coeredi col rimborso della somma da lui pagata al cedente . Ora la disposizione legislativa, che vieta o consenta il retratto successorio, deve sempre, quantunque per diversi motivi, considerarsi di valore territoriale; ha carattere di ordine pubblico la disposizione che lo consente, perche' essa e' dettata all'interesse generale di proteggere le famiglie dalla intrusione di estranei, che verrebbero a conoscere i segreti; ha*

[12] Principii di Diritto Civile Vol. X para. 364 pag. 288 – 9 .
[13] art. 732 Cod. Civ. Ital. .

*carattere di ordine pubblico la disposizione che lo vieta; perche e' ispirata dal concetto della liberta' contratuale, che non si puo' cancellare."*[14]

Fi kwalunkwe kaz anke l-awturi taljani moderni jidher illi jeskludi l-*prelazione* f'kaz ta' cessjoni ta' immobbli partikolari biss . "*L'art. 732 cod. civ. stabilisce che il coerede, il quale vuole alienare la sua quota o parte di essa (la meta', un terzo, la centesima parte della quota* ***non un bene determinato****), deve notificare la proposta di alienazione agli altri coeredi indicandone il prezzo*."[15] Hekk ukoll : "*Non si applicano invece all'alienazione che il coerede faccia esclusivamente del suo diritto sopra singoli beni ereditari : trasferimento subordinato alll'esito della divisione*."[16]

Is-sentenzi taljani ccitati mill-atturi jista' jkun li qed jirreferu ghas-sitwazzjoni msemmija mill-**Baudry** fejn il-kontraenti jittentaw jiddefrawdaw id-drittijiet tal-ko-eredi . "*Bisogna tuttavia vedere se la cessione verta realmente sugli oggetti ereditari, e non invece sul diritto successorio; gli e' infatti evidente, che le parti non potrebbero, mediante un sotterfugio, sottrarre al retratto una cessione per sua natura, al medesimo sottoposta . Risultera' dalle circostanze di fatto se nel caso concreto vi sia stata frode; cio' potra' provarsi con tutti i mezzi di prova e anche mediante presunzioni . Cosi' se le parti abbiano, ad esempio, sostituto ad una cessione di diritti successori una cessione della quota del cedente su tutti gli oggetti della successione, si dovra' ammetere che esse abbiano voluto, in tal modo, sottrarsi, al retratto, pur facendo una cessione di diritti successori*[17] *.*

Apparti illi fil-kaz taghna ma saru ebda allegazzjonijiet simili ta' xi frodi da parti tal-kontraenti, lanqas jirrizulta illi

---

[14] vol. XXII. pt. 4 voce Successoni para. 87 pag. 843 – 4 .
[15] A. Torrente : Manuale di Diritto Privato 8 va. ed. para. 527 pag. 945 .
[16] A. Trabucchi : Istituzioni di Diritto Civile 38a ed. para. 400 pag. 892 .
[17] op. ic. para. 2587 pag. 142 .

kienu gew trasferiti l-ismha tal-ko-eredi Josephine Rapa fuq il-beni mmobbli kollha li kellhom il-genituri taghha[18] .

Eccezzjoni ohra mressqa mill-konvenuti tirrigwarda l-fatt illi dan il-bejgh ma kienx l-ewwel trasferiment li sar ta' xi beni formanti l-eredita' pposseduta in komun . Infatti kien hemm precedentement il-bejgh tar-raba "tal-Hotba", li sar mill-ko-eredi kollha[19], l-assenjazzjoni tal-kwota ereditarja ta' Michael Haber fuq ir-raba ta' l-Ispiera favur ta' l-attrici,[20] kif ukoll it-trasferiment tal-kwota ta' l-istess attrici mir-raba "ta' Cumbu a favur ta' binha Lawrence[21] . Ghalhekk il-konvenuti jsostnu illi fid-data tat-trasferiment in kwistjoni kien hemm l-impossibilita' li jsir trasferiment ta' kwota ereditarja ghaliex l-*universum ius* kien gia ntemm bit-trasferiment ta' parti konsiderevoli mill-beni komuni .

It-**Toullier** jghallem a propozitu illi : "*Se fatta la divisione gli eredi lasciassero beni stabili in comune, il cessionario della porzione di uno degli eredi non potrebbe esser escluso, attesoche' in questo caso non si tratta della cessione di un diritto alla eredita'; il cessionario a titolo universale puo' esser escluso, e non gia' il cessionario a titolo particolare. La vendita o la cessione di una porzione non divisa, in corpi certi e determinati, non e' soggetta all'azione di surrogazione . Bisogna che la vendita abbia per oggetto una quota parte di diritti ereditari, e non gia una quota parte ne' tali beni, per esempio negli immobili*[22] .

L-ahhar eccezzjoni tal-konvenuti tirrigwarda r-rinunzja tacita u anke espressa li ghamlu l-istess atturi ghad-dritt taghhom li jirkupraw il-kwota tal-beni ndivizi mibjugha lill-konvenut Galea . Il-**Laurant** jispega f'dan il-kuntest illi : "*Il diritto di retratto cessa quando gli eredi vi hanno rinunciato . Essi vi possono rinunciare poiche' questo diritto non e' stabilito che in loro favore . La difficolta' sta*

---

[18] ara denunzji tal-konjugi Haber a fol. 27 - 39 tal-process .
[19] Dok. GG a fol. 94 et seq .
[20] Dok. GG.1 a fol. 98 et seq ..
[21] Dok. GG. 2 a fol 100 et seq. .
[22] Il Diritto Civile Francese : 1830, vol. IV para 447 pag. 305 - 6; ara wkoll Laurant : op. cit. para. 366 pag. 290 .

*nel sapere quando vi sara' rinuncia . Questa puo' essere espressa o tacita, come ogni manifestazione di volonta' . E sulla rinuncia tacita che sorgono dei dubbii . Bisogna applicare il principio generale che regola ogni rinuncia tacita; nessuno si presume che rinunci a un diritto che gli appartiene; non si puo' dunque ammettere la rinuncia che quando gli eredi hanno posto in essere un fatto il quale implica necessariamente la volonta' di rinunciare . La e' essenzialmente una quistione di fatto e di circostanze*."[23]

Il-konvenuti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom jirreferu ghal att gudizzjarju fejn l-atturi stess talbu lill-konvenut Galea jersaq ghad-divisjoni tal-beni posseduti in komun . Imma dwar dan ma ngabitx prova . Madankollu hemm il-verbal tal-kontendenti maghmul *seduta stante* quddiem din il-Qorti, li permezz tieghu suppost li ttransigew il-pendenzi ta' bejniethom, billi kellhom jinkarigaw perit arkitett sabiex jipprepara pjan ta' qasma halli mbaghad ikun jista' jsir il-kuntratt ta' divisjoni opportun[24] . Kif tajjeb isostnu l-konvenuti dan il-verbal ma jistax jigi njorat qisu qatt ma sar . Huwa evidenti illi dakinhar ta' l-inqas, jekk ma kienux gia rrinunzjaw ghad-drittijiet taghhom qabel, l-atturi ddecidew illi jaccettaw lill-konvenut Galea bhala kompartecipi maghhom fil-beni pposeduti in komun bejn l-eredi tal-konjugi Haber . Kif ifissirha tant tajjeb il-**Baudry** : "*La rinuncia al retratto non puo' avere che un carattere definittivo e assoluto; non si concepisce che essa sia condizionale, e che permetta di attacare la divisione, ove si verifichi un determinato avvenimento; la legge non permettendo il retratto che fino alla divisione, mostra che la situazione deve essere netta*."[25]

Ghal dawn il-motivi kollha jirrizulta ghalhekk illi l-atturi m'ghandhomx ragun jinsistu ghal-liberazzjoni a favur taghhom tal-kwota ereditarja mill-fondi deskritti fic-citazzjoni li kienet giet trasferita lill-konvenut Galea permezz ta' l-kuntratt indikat fl-istess citazzjoni .

---

[23] op. cit. para 377 pag. 296 .
[24] ara verbal ta' l-udjenza tal-21.5.1999 a fol. 112 .
[25] op. cit. para 2656 pag. 287

Ghalhekk tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra, u tichad it-talba attrici .

Minhabba n-natura ta' din il-kawza li kienet tinvolvi principji legali pjuttost diffikoltuzi, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa .

S4891Pc
p

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------